MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 2080/1999/1

**Najia Bugeja nee` Hosni.**

**vs.**

**Noel Bugeja.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici tat-28 ta’ Settembru 1999 (a fol. 1) fejn gie premess:-

Illi fit-22 ta’ Novembru 1997, il-partijiet ghaddew minn cerimonja taz-zwieg fir-Registru Pubbliku (Dok. “A”);

Illi l-konvenut izzewweg lill-attrici li hija cittadina Marokkina, semplicement ghaliex riedet tottjeni c-cittadinanza Maltija u mhux ghaliex riedet tidhol f’rabta taz-zwieg mieghu;

Illi dan iz-zwieg huwa null *stante* li l-partijiet ma kellhomx id-diskrezzjoni mehtiega taz-zwieg ghall-hajja matrimonjali jew ghad-drittijiet u l-obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew *stante* li kien hemm anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li twettaq l-obbligi essenzjali taz-zwieg.

Illi dan iz-zwieg huwa null *stante* li l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

(1) Tiddikjara null u minghajr effett iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fit-22 ta' Novembru 1997, kif indikat fl-att taz-zwieg numru 2069/97 u dan *ai termini* ta' l-**artikolu 19 u sub-artikolu 1 para (d) u (f) ta' l-Att ta' l-1975 dwar iz-zwieg** kif sussegwentement emendat, u taghti kull provvediment li jkun opportun fic-cirkostanzi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u tad-dokumenti ta' l-attur a fol. 4;

Rat in-nota tal-konvenut tat-12 ta' Mejju 2000 fejn permezz taghha irrimetta ruhu ghall-provi li se jitressqu.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma minn din il-Qorti kif diversament presjeduta datati 19 ta' Mejju 2000 fejn id-difensur ta' l-attrici ta ruhu b'notifikat bl-avviz tas-smigh tal-kawza u giet nominata Dr. Yana Micallef Stafrace bhala Perit Legali; 20 ta' Novembru 2000; 2 ta' Mejju 2001; u tat-13 ta' Novembru 2001.

Rat in-nota tal-konvenut datata 13 ta' Marzu 2002 fejn permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu stess u dak ta' ommu, Rose Bugeja;

Rat l-avviz datat 21 ta' Marzu 2002 fejn il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace;

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-20 ta' Gunju 2002 fejn inghata digriet ta' l-affidavit tal-partijiet b'terminu ta' erbghin (40) gurnata kull wiehed.

Rat is-seduti mizmuma mill-Perit Legali;

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-4 ta' Dicembru 2002; tat-13 ta' Frar 2003; u tas-27 ta' Frar 2003;

Rat ir-rapport tal-Perit Legali a fol. 42 tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tat-8 ta' Mejju 2003; tat-12 ta' Gunju 2003; tad-19 ta' Novembru 2003; u tat-8 ta' Jannar 2004 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Jannar 2004.

Rat ix-xhieda kollha prodotta;

Rat ir-rapport peritali;

Rat ix-xhieda u dokumenti mizmuma u esebiti quddiem il-Perit Legali;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) APPREZZAMENT TAL-PROVI PRODOTTI.

Illi **Najia Bugeja Nee' Hosni** iddikjarat hekk:-

*“Illi jiena nifhem u naf nitkellem bil-Malti ghalkemm jien ta nazzjonalita’ Marokkina. Jiena gejt Malta fit-28 ta’ April 1997. Gejt mill-Marokk hawn Malta “holiday”.*

*Illi fuq it-timbru tal-passaport ghamluli “transit” izda hrigt Malta.*

*Illi ghogbitni Malta u saqsejt fuq dan it-“transit” u qaluli li tista tibqa’ Malta u meta trid titlaq, titlaq. Staqsejt xi nies, mhux il-Pulizija.*

*Illi bqajt Malta xi xahrejn u ghidt ha “immur infittex ix-xoghol” peress li jien hairdresser. Kif mort infittex qaluli li kelli bzonn “work permit”. Ghidtilhom li m’ghandix u ltqajt ma’ ragel li kien ser jirrangali biex nista nahdem u nista noqghod. Hallejt f’idejh u laqqghani ma’ Noel. Din l-persuna qaltli li ma’ Noel nista nirranga biex inkun nista noqghod hawn. Hekk iltqajt ma’ Noel, il-konvenut.*

*Illi ghaddew xi 40 gurnata u gejna l-Belt u Noel qalli li din it-terza persuna qaltlu sabiex ingib il-passaport u niltaqghu l-Belt. Hekk gara, morna l-Belt u kellimt lil xi hadd fir-Registru biex itini appuntament u tani appuntament, sa dik id-data ma kellimt lill-hadd, lanqas lil Noel. Kif giet id-data ergajt mort u kien hemm Noel u dak li laqqghani mieghu u wahda mara li dik il-persuna li laqqaghtna qaltli li kelli ingib mieghi l-ewwel darba li ltqajna r-registru. Din il-mara kellha tkun xhud.*

*Illi tlajna fuq, kien it-22 ta’ Novembru 1997 u iffirmajt xi karti, u Noel ukoll u tlaqna ‘l barra.*

*Illi min laqqghana ma niftakarx x’jismu. Kif wasalna d-dar tieghi dan li laqqghana staqsieni inhallaslu l-ispejjes tajtu xi Lm100 jew Lm120. Jien qatt ma ergajt rajtu. Lil Noel rajtu minhabba s-separazzjoni.*

*Illi jien ma kontx naf li izzewigt. Ghalija kont ser niffirma karti biex inkun nista` nahdem u noqghod Malta.*

*Illi Noel kien gie ghandi d-dar fil-bidu ta’ l-1999 u qalli li kien hemm bzonn li niffirmaw ghal separazzjoni. Jien*

*mort niffirma u ghadni nahseb li qed niffirma karti biex nibqa nahdem Malta. Jien dak iz-zmien ma kontx naf bil-Malti kif naf illum.*

*Illi wara ddecidejt ahjar nara din is-separazzjoni x'kienet u mort ghand l-Avukat fehmni li fil- fatt kont mizzewga u ma stajtx nerga nizzewweg. Fehmni li billi kont separata ma jfissirx li nista nerga nizzewweg. Biex naghmel dan kelli naghmel din il-kawza.*

*Illi jien u l-konvenut qatt ma kellna relazzjonijiet sesswali. Kif diga ghidt ahna qatt ma ghexna flimkien bhala mara u ragel u qatt ma kellna intenzjoni li naghmlu hekk.*

*Illi l-konvenut xehed permezz ta' affidavit fejn xehed li iltaqa ma' l-attrici ftit gimghat qabel ma marru l-Belt ir-registru u izzewgu. Dan kien fuq suggeriment ta' terza persuna li ma jiftakarx ismu. Hu kien hadha bhala cajta. Meta induna li dan kien kollu biss serjeta ipprova johrog mis-sitwazzjoni izda gie mhedded u kompla bic-cerimonja. Wara ic-cerimonja l-ewwel li raha lill-attrici ghas-separazzjoni. Qatt ma ghexu flimkien, mar lura ghand il-genituri".*

Illi l-**konvenut in kontro-ezami** xehed hekk:-

*"Illi qed jinqrali l-affidavit tieghi u nikkonferma l-kontenut. Jien sejjaht lill-attrici Tunezina imma fil-fatt ma nafx x'nazzjonalita' hi. Gharbija.*

*Illi dik il-persuna li semmejt jismu Charlie, kunjomu ma nafux kont Bugibba u gie fuqi u ippuntali lejn l-attrici u qalli "tizzewwigha lil din". Jien ghidtlu "mela taqbad u taghmel dawn l-affarijiet". Jien ma kontx nifhem u hsibtha cajta. Rega sabni u beda jippressani. Ghidtlu ma jfittixniex iktar, rega rani u heddidni li joqtolni jekk ma mmurx mieghu biex nizzewweg. Jien bzajt minnu.*

*Illi jien skoprejt li dar-ragel jismu Charlie ghax missieri meta skopra li izzewigt, zmien wara li attwalment izzewwigt, qalli li kien sar jaf illi hekk jismu.*

*Illi dan Charlie kien wiehed mimli tpingija u mgissem u lili veru bezzghani. Dak il-mument li qalli ghamilt. Jien ma mortx ghand il-pulizija ghax bzajt li jaghmilli xi haga.*

*Illi peress li avvicinani diversi drabi f'postijiet differenti u jibqa jistennieni f'postijiet li niffrekwenta, per ezempju hdejn z-ziemel li kelli, ma kelliex dubju li jasal.*

*Illi ftit wara l-incident jien iltqajt ma' l-gharusa u mill-ewwel indunajt li r-relazzjoni serja. Jien fil-fatt qisni kwazi lanqas irrejalizzajt li ma nistax nerga` nizzewweg. Indunajt propju meta missier l-gharusa qalli li semgha li kont izzewwigt Gharbija u kien hu li ha lill-gharusa ghand Avukat biex taghmel tficcija. Jien sadanittant kont isseparajt u jien minghalija li nista nizzewweg la ma izzewigtx fil-knisja. Kienet sorpriza enormi ghalija li jien ma stajtx nizzewweg. Jiena hadd mill-familja tieghi, direttament minghandi ma kienu jafu li kont izzewigt fir-Registru u lanqas l-gharusa ma kienet taf ghidt "nissepara u nerga nizzeweg". Jien ma hsibtx li fir-Registru kont propju izzewigt. Ghalija tizzewweg fil-Knisja! Imbaghad fethuli ghajnejja li zwieg fir-Registru daqs zwieg fil-Knisja u separazzjoni ma tfissirx li nista nizzewweg.*
*Illi jien qatt ma kelli x'naqsam sesswalment ma' l-attrici. Iffirmajt u tlaqt lura ghand ommi. Qadt ma ghaddejna minuta flimkien bhala mizzewgin. Fattart wahda tajba".*

Illi **Rose Bugeja**, omm l-konvenut xehdet permezz ta' affidavit. Xehdet li ma kenetx taf li izzewweg it-tifel. Saret taf biss meta kien thajjar jizzewweg l-gharusa li ghandu illum u induna li ma setax.

Illi **Carmel Galea** xehed hekk:-

*"Illi jien naf lill-konvenut minn meta kien zghir. Jien noqghod hdejh. Dejjem bqajna in kuntatt. Noel kien talabni biex nitla` mieghu ir-Registru Pubbliku. Morna r-Registru Strada Merkanti. Kien hemm mara li dehret ta' nazzjonalita' Gharbija u mara ohra. Iffirmajt xi karti qalluli bhala xhud u tlaqt 'l hemm ma Noel u mort lejn id-dar. Din il-mara gharbija qatt ma kont rajtha qabel u lanqas wara. Jien rajt lil Noel xi zmien wara u kien ma ohra. Ghidtlu "u*

*l-Gharbija x'sar minnha?" Qalli dik qatt ma kont maghha, mort ir-Registru ghax bezzghuni. Ghidtlu ma tghidliex biex niftahlek ghajnejk, ghax Noel kwiet hafna, u lanqas kellimni u baqa' ccassat.*

*Illi mid-data li tlajna ir-Registru dejjem jorqod ghand il-genituri tieghu filghaxija u din l-Gharbija qatt ma rraqt 'l hemm. Jekk nerga narah niddubita jekk narafha."*

Illi **Anthony Bugeja** xehed hekk:

*"Illi jiena missier Noel. Jien ma kontx naf li t-tifel kien mizzewweg. Sirt naf xi tlett snin ilu. Qatt ma sar tieg li iffrekwentajt jien.*

*Illi jien qatt ma iltqajt mal-mara tieghu hlief meta morna ghand in-nutar ghas-separazzjoni. It-tifel jghix maghna d-dar u dejjem ghamel hekk. Qatt ma mar jghix ghal rasu."*

**ii) <u>PRINCIPJI LEGALI.</u>**

Illi l-attrici talbet li z-zwieg celebrat jigi dikjarat null u minghajr effett u dan *ai termini* ta' l-**artikolu 19(1) sub inciz (d) u (f) ta' l- att tal-1975 dwar iz-zwieg**.

Dawn jghidu is-segwenti:

*"19. (1) B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null – omissis*

*d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;*

*omissis*

*f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew*

*aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg";*

*omissis.*

Illi l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-ligijiet ta' Malta** jipprevedi li l-kunsens ta' zewg persuni fir-rabta taz-zwieg jehtieg att volontarju li wiehed konxjament jinghaqad ma persuna ohra bl-intenzjoni li jghix hajtu kollha ma dik il-persuna u bejniethom jikkrejaw shubija fejn jaghtu lilhom infushom lil xulxin. Dan l-att jehtieg maturita' ta' hsieb u karattru tali li l-persuna li tidhol. ghaz-zwieg taghraf il-*commitment* li jikkomporta z-zwieg, u cjoe` *commitment* li tinvolvi partecipazzjoni attiva fil-hajja ta' familja.
Illi mill-gurisprudenza nostrali jidher car illi l-kunsens moghti fil-kuntratt matrimonjali mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed *sui generis* u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda, li l-istess irid jigi moghti bl-iktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib s-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cjoe' li tnejn minn nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu.
Illi dan ma jirrikjedix maturita' shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. *Inoltre* l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe' dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-kontront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi.
Illi fis-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **"Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri"** deciza fl-4 ta' Novembru 1994, gie studjat fil-fond il-

kuncett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju. F'din is-sentenza l-Qorti dahlet fil-fond f'dak li jghid ***Bersini*** fuq il-livell tad-diskrezzjoni tal-gudizzju rikjest biex jinghata kunsens matrimonjali validu:

*'La discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva... ...La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmenfe quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emottotivita' che se sono turbati o inadeguati intraccano direttamente la volonta" e possono privare della liberta scelta interiore. .....Per dare un valido consenso, non e' sufficiente il* ***grado*** *di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e' il matrimonio, e' necessaria la maturita' di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atlo derivano. Una discrezione che impegni per il future.' (***'Il-Diritto Canonico Matrimoniale'** - **Bersini*** *- Torino 1994).*

Illi dan l-impenn ghall-futur jittraduci ruhu fl-obbligazzjonijiet essenzjali ghal hajja taz-zwieg, fosthom il-fedelta' u fiducja, l-permanenza taz-zwieg, u fuq kollox il-*benessere* reciproku bejn il-mizzewgin, u cjoe`, dawk l-obbligazzjonijiet li minghajrhom unjoni intima bejn il-konjugi fl-aspetti kollha taghha ma tistax issehh.

Illi dan ifisser li l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jiriflettu fuq l-obbligi, d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewwga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom.

Illi ghalkemm il-**Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ma taghtix definizzjoni ta' x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif stqarret il-Qorti fis-sentenza fuq imsemmija, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonjiet tal-hajja mizzewga u cjoe` dik l-unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u prokrejazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied.

Illi l-**artikolu 19 (1) (f)** jikkunsidra kemm is-simulazzjoni totali kif ukoll dak parzjali tal-kunsens.
Illi fil-kaz **"Alfred Tonna vs Maria Tonna**", 31 ta' Jannar 1996, u fil-kawza **"Muscat vs Borg Grech"** 14 ta' Awissu 1995, gie spjegat li jkun hemm simulazzjoni meta, fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali parti jew ohra (jew it-tnejn) esternament turi li qed taghti l-kunsens matimonjali izda internament u b'att pozittiv tal-volonta' taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg (simulazzjoni totali) jew, dejjem b'dak l-att pozittiv tal-volonta' tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg (simulazzjoni parzjali).
Illi dan ifisser li trid issir kostatazzjoni ta' jekk xi wiehed mill-parijiet, jew it-tnejn, ghalkemm kapaci jaghti kunsens validu ghaz-zwieg; pero bl-atti tieghu qabel u fil-hajja mizzewwga, jew bl-ommissjoni tieghu, issimula l-kunsens tieghu totalment fejn gie eskluz iz-zwig jew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga - simulazzjoni parzjali.

Illi fil-kaz **"Bonnici vs Bonnici"** (Qorti Civili Prim' Awla, 30 ta' Lulju 1982) intqal li biex ikun hemm simulazzjoni totali irrid jigi ppruvat li l-*'finis operiss'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg. Din il-Qorti diversament presjeduta f'decizjoni ohra taghha **"Cali vs Dr. Albert S. Geech"** (Prim' Awla 22 ta' Gunju 1988) qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u internament tissostitwixxi l-idejat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Mbaghad fil-kaz **"Galea vs Walshi"** (Prim'Awla 30 ta' Marzu 1995), il-Qorti spjegat is-simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".* Fil-kaz **"Muscat vs Borg Grech"** (Prim'Awla 14 ta' Awissu 1995) il-Qorti spjegat is-simulazzjoni totali hekk:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda ikun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu."*

Illi rigwardanti s-simulazzjoni parzjali, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili, diversament presjeduta fil-kaz **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et noe"** (14 ta' Lulju 1994) elenkat l-elementi essenzjali taz-zwieg bhala l-kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubbilta' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokrejazzjoni ta' l-ulied. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawzi **"Grech vs Grech"** (Prim'Awla 9 ta' Ottubru 1990), u **"Aquilina vs Aquilina"** (Prim'Awla 30 ta' Jannar 1991).

### iii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.

Illi fil-kaz odjern irrizulta li l-attrici hasbet addirittura li ser tidhol f'kuntratt sabiex tkun tista tibqa tghix hawn Malta filwaqt li l-konvenut izzewweg bejn qisu ma jafx x'qed jaghmel u bejn ghax, kif jghid hu, mbezza'.
Illi jigi rilevat li kien hemm sottoton qawwi u inferenza qawwija li dan kien zwieg ikkonbinat minn terzi fejn kien hemm involut hlas. Dan ma harigx car izda hu element iehor ma' l-elementi diga esistenti li juru car li din ic-cerimonja kienet kollox minbarra zwieg.
Illi fi kliem il-brava Perit Legali Dr. Yana Micallef Stafrace jinghad is-segwenti fir-relazzjoni taghha:-
*"Illi jrid jinghad ukoll li l-partijiet ma kellhomx l-icken ideja ghal xiex kienu dahlu. Il-konvenut kien diga` sejjer frisk, frisk jizzewweg mara ohra, lanqas biss induna li marbut diga b'zwieg precedenti. Ahseb u ara kemm kellu f'mohhu l-elementi essenzjali taz-zwieg meta izzewweg lill-attrici!*
*Inoltre, mar lura jghix ghand il-genituri tieghu ezatt wara iz-zwieg u lanqas biss qalilhom li mizzewweg! Kif xehdu l-genituri kienet sorpriza kbira ghalihom u saru jafu biss meta l-konvenut kien dahal f'relazzjoni serja u qisu induna li mizzewweg u mar biex jissepara u imbaghad gew intavolati l-proceduri odjerni.*
*Jidher li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha. Bil-kemm induna li kien izzewweg ahseb u ara li kemm kellu is-diskrezzjoni necessarja.*
*Rigwardanti l-attrici, fil-kaz taghha, irrizulta car simulazzjoni totali stante li hi hasbet li kient qed tidhol*

*f'arrangement fejn tkun tista tibqa Malta u mhux li zzewget.*
*Fix-xhieda tieghu, l-konvenut jghid li kien imbezza u imgieghel jizzewweg minn terza persuna li ma jafx minn hi u ma jiftakarx ismu shih. Il-konvenut izda ma dahalx f'dettal bizzejjed u kwazi isemmi dan "en passant" u b'hekk l-esponenti mhux ser tidhol fl-elementi necessarji sabiex wiehed jikkonsidera jekk dan iz-zwieg hu null skond l-**artikolu 19(1) (a)** u cjoe`:*

*19. (1) B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null –*

*(a) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza";*

Illi minn dan kollu jirrizulta li dan iz-zwieg ma kien zwieg xejn; fil-fatt il-partijiet lanqas biss kienu jafu lil xulxin, u qatt ma saru jafu lil xulxin u qatt ma ghexu flimkien, u fil-fatt dan ma kien xejn ghajr zwieg finta, zwieg ta' konvenjenza, u ghalhekk t-talba attrici ghandha tigi michuda *ai termini* ta' l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara null u minghajr effett iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fit-22 ta' Novembru 1997, kif indikat fl-att taz-zwieg numru 2069/97 u dan *ai termini* ta' l-**artikolu 19 u sub-artikolu 1 para (d) u (f) ta' l-Att ta' l-1975 dwar iz-zwieg** ghar-ragunijiet imputtabbli liz-zewg partijiet.

Bl-ispejjez kollha ta' din il-kawza jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------